



Brussell, 16 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9700/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0016(NLE)

RECH 219
COMPET 529
IND 251
TELECOM 173

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.	9331/24
Nru dok. Cion:	5836/1/24 REV 1
Suġġett:	Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1173 fir-rigward ta' inizjattiva EuroHPC għan-negozji ġodda biex tingħata spinta lit-tmexxija Ewropea f'Intelliġenza Artifiċjali affidabbli - <i>Qbil politiku</i>

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-25 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta¹ għal Regolament imsemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
2. L-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC) biex jintroduċi objettiv ulterjuri għall-Impriża Konġunta biex tappoġġa l-iżvilupp ta' ekosistema tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) ferm kompetittiva u innovattiva fl-Unjoni billi tiżviluppa u topera Fabbriki tal-IA.

¹ 5836/1/24 REV 1.

3. L-emenda proposta hija parti mill-inizjattiva l-ġdida tal-Unjoni dwar l-IA, imħabbra mill-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2023, li għandha l-għan li tagħmel il-kapaċità tas-supercomputing tal-Unjoni aktar disponibbli għal negozji ġodda innovattivi Ewropej tal-IA biex iħarrġu l-mudelli tagħhom.
4. L-emenda proposta hija kontinwazzjoni tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta EuroHPC eżistenti. Din twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament eżistenti billi tinkludi l-Fabbriki tal-IA, definiti bħala entitajiet li jipprovdu infrastruttura ta' servizzi tas-supercomputing għall-IA li hija magħmula, fost l-oħrajn, minn supercomputer tal-IA, ċentru tad-data assoċjat, u servizzi ta' supercomputing orjentati lejn l-IA.

II. ĦIDMA FL-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA

5. Fl-14 ta' Frar 2024, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Marzu 2024².

Il-proposta ġiet riferuta lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) li ħatar lis-Sa Maria da Graça CARVALHO (PPE, PT) bħala Rapporteur. Il-Parlament Ewropew ivvota dwar ir-rapport tiegħu fil-plenarja tat-22-25 ta' April 2024.

III. KONKLUŻJONI

6. Il-proposta ta' kompromess ipprovduta mill-Presidenza tirrappreżenta pakkett ġenerali bilanċjat li jista' jippermetti qbil politiku mill-Kunsill. Fil-livell tekniku, id-delegazzjonijiet kollha appoġġaw it-test tal-Presidenza.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva t-test ta' kompromess tal-Presidenza fit-8 ta' Mejju 2024 u ppreżentah lill-Kunsill għal qbil politiku fil-laqgħa tal-Kunsill Kompetittività fit-23 ta' Mejju 2024.

² 8361/24.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1173 fir-rigward ta' inizjattiva EuroHPC għan-negozji
għodda biex tingħata spinta lit-tmexxija Ewropea f'Intelliġenza Artifiċjali affidabbli**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 187 u l-Artikolu 188, l-ewwel paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew³,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

³ ĠU C , , p. .

⁴ Opinjoni ta'..., ĠU C, p.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-"Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali") għandu l-għan li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern billi jistabbilixxi qafas legali uniformi b'mod partikolari għall-iżvilupp, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali f'konformità mal-valuri tal-Unjoni.
- (2) Minn meta ġie adottat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173⁶ fl-2021 sal-lum, il-qasam tal-intelliġenza artifiċjali (IA) avvanza immens teknikament, u sar dominju strateġiku u kkontestat ħafna madwar id-dinja. L-Unjoni tinsab fuq quddiem nett fl-isforzi biex tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni responsabbli f'IA affidabbli u etika, u fl-istess waqt qed tistabbilixxi l-qiegħ regolatorju u tiżviluppa governanza effettiva.
- (3) Fit-13 ta' Settembru 2023, bħala parti minn approċċ komprensiv li jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni responsabbli fl-IA, il-Kummissjoni ħabbret inizjattiva strateġika ġdida biex il-kapaċità komputazzjonali ta' prestazzjoni għolja tal-Unjoni ssir disponibbli għan-negozji ġodda Ewropej innovattivi f'IA affidabbli biex ikunu jistgħu jħarrġu l-mudelli tagħhom. Dan jikkomplimenta l-ħidma fuq l-istabbiliment ta' l-qiegħ regolatorju għall-IA permezz tar-Regolament (UE) 2024/... , li jistabbilixxi strutturi ta' governanza, u jappoġġa l-innovazzjoni permezz tal-Pjan Ikkkoordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali.
- (4) Billi l-aktar kapaċità b'saħħitha ta' supercomputing ta' klassi dinjija tal-Unjoni tinsab fil-faċilitajiet tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (l-"Impriża Konġunta"), jenħtieġ li daww il-faċilitajiet ikunu disponibbli biex l-inizjattiva tal-Unjoni tkun tista' ssir realtà. Għalhekk jeħtieġ jiddaħħal objettiv ieħor mas-sitt objettivi eżistenti tal-Impriża Konġunta; objettiv li jkopri l-kontribut tas-supercomputers tagħha għall-inizjattiva l-ġdida tal-Unjoni dwar l-IA.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġislattivi tal-Unjoni (ĠU L ...).

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488 (ĠU L 256, 19.7.2021, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1173/oj>).

- (5) Bl-objettiv il-ġdid, l-Impriża Konġunta tkun tista' twettaq attivitajiet fid-dominji tal-akkwist u t-tħaddim ta' supercomputers jew partizzjonijiet ta' supercomputers ottimizzati permezz tal-IA biex ikun jista' jseħħ l-apprendiment awtomatiku u t-taħriġ ta' mudelli tal-IA bi skop ġenerali. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta tkun tista' toħloq mod ta' aċċess ġdid għar-riżorsi tal-computing tagħha għall-ekosistema tan-negozji ġodda tal-IA u għall-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni u tiżviluppa applikazzjonijiet iddedikati tal-IA li jkunu ottimizzati biex jaħdmu fuq is-supercomputers tagħha. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta titħalla wkoll taħtar entitajiet eżistenti tal-hosting tal-EuroHPC bħala Fabbriki tal-Intelliġenza Artifiċjali jekk l-entità tal-hosting tkun tista' turi li s-supercomputer tagħha għandu biżżejjed riżorsi tal-computing għat-taħriġ ta' mudelli ta' intelliġenza artifiċjali bi skop ġenerali u fuq skala kbira u applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali emerġenti, u dment li l-entità tal-hosting tkun qed timplimenta l-firxa sħiħa ta' attivitajiet addizzjonali meħtieġa biex tiżviluppa u tappoġġa l-ekosistema tal-Intelliġenza Artifiċjali. B'dawk il-bidliet, l-Impriża Konġunta tkun tista' toffri qawwa u servizzi komputazzjonali mfassla apposta li jħeġġu t-taħriġ u l-iżvilupp u l-adozzjoni tal-IA fuq skala kbira fl-Unjoni, li mhux fattibbli bir-Regolament attwali. Il-Fabbriki tal-IA ser jinteraġixxu ma' xulxin, ma' inizjattivi rilevanti tal-IA tal-Unjoni u, fejn applikabbli, il-Fabbriki tal-IA jistgħu jinteraġixxu mal-ekosistemi nazzjonali tal-IA rilevanti u mal-inizjattivi nazzjonali tal-IA.
- (6) Biex id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi allinjata mad-data tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2024/... [Att dwar l-IA] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali, jenħtieġ li dan japplika mingħajr dewmien żejjed.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1173 jiġi emendat skont dan,

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2021/1173 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-punti (3a) u (3b) li ġejjin:

"(3a) "supercomputer ottimizzat permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali" tfisser supercomputer li jkun iddisinjat prinċipalment għat-taħriġ ta' mudelli tal-intelliġenza artifiċjali bi skop ġenerali u fuq skala kbira u applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali emerġenti;

(3b) "Fabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali" tfisser entità ċentralizzata jew distribwita li tipprovdi infrastruttura ta' servizzi tas-supercomputing għall-Intelliġenza Artifiċjali li tkun magħmula minn supercomputer ottimizzat permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali jew partizzjoni ta' supercomputer għall-Intelliġenza Artifiċjali, ċentru tad-data assoċjat, aċċess apposta, u servizzi ta' supercomputing orjentati lejn l-intelliġenza artifiċjali u li tattira u takkumula t-talent biex tipprovdi l-kompetenzi meħtieġa fl-użu tas-supercomputers għall-Intelliġenza Artifiċjali";

(b) il-punt (9) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(9) "supercomputer tal-EuroHPC" tfisser kwalunkwe sistema tal-computing li tkun proprjetà sħiħa tal-Impriża Konġunta jew li tkun koproprijetà ma' Stati Parteċipanti oħra jew ma' konsorzju ta' sħab privati, li tista' tkun supercomputer klassiku (supercomputer ta' livell għoli, supercomputer ta' grad industrijali, supercomputer ottimizzat permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali jew supercomputer ta' livell medju), kompjuter ibridu klassiku kwantistiku, kompjuter kwantistiku jew simulatur kwantistiku";

(2) fl-Artikolu 3(2), jiżdied il-punt (h) li ġej:

"(h) tiżviluppa u topera l-Fabbriki tal-Intelliġenza Artifiċjali b'appoġġ għall-iżvilupp ulterjuri ta' ekosistema tal-Intelliġenza Artifiċjali ferm kompetittiva u innovattiva fl-Unjoni";

(3) fl-Artikolu 4(1), jiżdied il-punt (h) li ġej:

"(h) pilastru tal-Fabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali għal Intelliġenza Artifiċjali affidabbli u etika, li jkopri l-attivitajiet għall-ġhoti ta' infrastruttura ta' servizzi tas-supercomputing orjentata lejn l-Intelliġenza Artifiċjali li tkun maħsuba biex tkompli tiżviluppa l-kapaċitajiet, il-kompetenzi u l-ħiliet fir-rigward tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-ekosistema tal-Intelliġenza Artifiċjali; dan għandu jinkludi l-attivitajiet li ġejjin:

- (i) l-akkwist u t-tħaddim ta' supercomputers ottimizzati permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali kolokalizzati ma' ċentri tad-data jew konnessi ma' ċentri tad-data permezz ta' networks b'veloċità għolja ħafna;
- (ii) l-aġġornament tas-supercomputers eżistenti tal-EuroHPC b'kapaċitajiet ta' Intelliġenza Artifiċjali;
- (iii) l-ġhoti ta' aċċess u opportunitajiet ta' aċċess ekwu għas-supercomputers ottimizzati permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali jew għas-supercomputers EuroHPC aġġornati b'kapaċitajiet tal-Intelliġenza Artifiċjali, inkluż li l-użu tagħhom jinfetaħ għal għadd kbir ta' utenti pubbliċi u privati, inkluż għan-negozji ġodda u l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju;
- (iv) it-tħaddim ta' ċentri ta' servizzi tas-supercomputing orjentati lejn l-Intelliġenza Artifiċjali ċentralizzati jew distribwiti b'appoġġ għall-ekosistema tan-negozji ġodda fil-qasam tal-Intelliġenza Artifiċjali u l-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni li jipprovdu appoġġ algoritmiku, appoġġ għall-iżvilupp, it-taħriġ, l-ittestjar, l-evalwazzjoni u l-validazzjoni ulterjuri ta' mudelli u sistemi tat-taħriġ tal-Intelliġenza Artifiċjali, u appoġġ għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq skala kbira f'oqsma strateġiċi bħas-saħħa u l-kura, it-tibdil fil-klima, ir-robotika, jew is-sewqan konness u awtomatizzat.
- (v) it-tħaddim ta' faċilitajiet ta' programmazzjoni adattati għas-supercomputers, inkluż għall-parallelizzazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-Intelliġenza Artifiċjali biex jiġi ottimizzat l-użu tal-kapaċitajiet tas-supercomputing;
- (vi) it-tħaddim ta' servizzi oħra tas-supercomputing li jippermettu l-Intelliġenza Artifiċjali;

- (vii) l-attrazzjoni, l-akkomunament u t-taħriġ tat-talent biex jiġu żviluppati l-kompetenzi u l-ħiliet tagħhom fl-użu tas-supercomputers EuroHPC għall-Intelliġenza Artifiċjali;
- (viii) l-interazzjoni mal-Fabbriki l-oħra tal-Intelliġenza Artifiċjali, l-aċċessibbiltà tas-servizzi tagħhom madwar l-Ewropa, u l-kooperazzjoni maċ-Ċentri ta' Kompetenza u ċ-Ċentri ta' Eċċellenza EuroHPC, u mal-inizjattivi rilevanti tal-Intelliġenza Artifiċjali tal-Unjoni, bħaċ-ċentri tan-negozji ġodda fil-qasam tal-Intelliġenza Artifiċjali, l-ekosistemi tal-Intelliġenza Artifiċjali u tad-data, il-Faċilitajiet għall-Ittestjar u l-Esperimentazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali, il-pjattaforma ċentrali Ewropea tal-Intelliġenza Artifiċjali, iċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali orjentati lejn l-Intelliġenza Artifiċjali, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u l-Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni fil-qasam tal-Intelliġenza Artifiċjali, l-infrastrutturi Ewropej rilevanti tar-riċerka u inizjattivi relatati oħra."

(4) fl-Artikolu 9(5), jiżdied il-punt (g) li ġej:

"(g) għas-supercomputers ottimizzati permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali, għandhom japplikaw il-kriterji tal-għażla addizzjonali li ġejjin għall-entitajiet tal-hosting:

- (i) prossimità ma' ċentru tad-data stabbilit, jew konnessjoni miegħu permezz ta' networks b'veloċità għolja ħafna;
- (ii) il-viżjoni, il-pjanijiet u l-kapaċità tal-entità tal-hosting li tindirizza l-isfidi tal-ekosistema tan-negozji ġodda fil-qasam tal-Intelliġenza Artifiċjali, l-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni, u l-komunità tal-utenti tal-Intelliġenza Artifiċjali u tipprovdi servizz ta' supercomputing orjentat lejn l-Intelliġenza Artifiċjali ċentralizzat jew distribwit;
- (iii) il-kwalità u l-pertinenza tal-esperjenza u l-għarfien prattiku disponibbli fit-tim maħsub li jkun responsabbli għall-ambjent ta' appoġġ tas-servizz tas-supercomputing orjentat lejn l-Intelliġenza Artifiċjali;

(iv) il-pjanijiet għall-interazzjoni u l-kooperazzjoni ma' Fabbriki oħra tal-Intelliġenza Artifiċjali, maċ-Ċentri ta' Kompetenza tal-EuroHPC u ċ-Ċentri ta' Eċċellenza tal-EuroHPC, u ma' attivitajiet rilevanti tal-Intelliġenza Artifiċjali bħaċ-ċentri tan-negozji ġodda fil-qasam tal-Intelliġenza Artifiċjali, l-ekosistemi tal-Intelliġenza Artifiċjali u d-data, il-Faċilitajiet għall-Ittestjar u l-Esperimentazzjoni fil-qasam tal-Intelliġenza Artifiċjali, il-pjattaforma ċentrali Ewropea tal-Intelliġenza Artifiċjali, iċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali orjentati lejn l-Intelliġenza Artifiċjali u inizjattivi oħra relatati;

(v) il-kapaċitajiet eżistenti u l-pjanijiet futuri tal-entità tal-hosting biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-akkomunament tat-talent";

(5) fl-Artikolu 9, jiżdiedu l-paragrafi (5a) u (6a) li ġejjin:

(5a) Entità tal-hosting eżistenti tista' tapplika biex issir Fabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali. Wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess, entità tal-hosting eżistenti għandha tintgħażel mill-Bord tat-Tmexxija permezz ta' proċess ġust u trasparenti bbażat, fost l-oħrajn, fuq il-kriterji tal-għażla deskritti fl-Artikolu 9(5)(g), u dment li l-entità tal-hosting tkun tista' turi li s-supercomputer tal-EuroHPC tagħha għandu biżżejjed riżorsi tal-computing għat-taħriġ ta' mudelli ta' intelliġenza artifiċjali bi skop ġenerali u fuq skala kbira u applikazzjonijiet emerġenti tal-intelliġenza artifiċjali;

(6a) Għas-supercomputers ottimizzati permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali msemmija fl-Artikolu 12a, l-entità tal-hosting għandha toħloq punt uniku tas-servizz għall-utenti, inkluż in-negozji ġodda, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u utenti xjentifiċi, biex tiffaċilita l-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ tagħha.

(6) fl-Artikolu 10(2), il-punt (l) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(l) il-kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli meta l-entità tal-hosting topera supercomputer tal-EuroHPC għall-użu industrijali, *jew supercomputer ottimizzat permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali*.";

(7) jiddaħħal l-Artikolu 12a li ġej:

"Artikolu 12a

Akkwist u sjieda ta' supercomputers ottimizzati permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali

1. L-Impriża Konġunta għandha takkwista supercomputers ottimizzati permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali u għandha tkun is-sid tagħhom.
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) għandha tkopri sa 50% tal-kostijiet tal-akkwist flimkien ma' sa 50% tal-kostijiet operatorji tas-supercomputers ottimizzati permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali. Il-kostijiet operatorji jinkludu l-kostijiet għas-servizzi tas-supercomputing orjentati lejn l-Intelliġenza Artifiċjali.

Il-kost totali li jifdal tas-sjieda tas-supercomputers ottimizzati permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali għandu jkopri l-Istat Parteċipanti fejn tkun stabbilita l-entità tal-hosting jew l-Istati Parteċipanti fil-konsorzju tal-hosting, possibbilment issupplimentat bil-kontribuzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6.

3. L-għażla tal-fornitur tas-supercomputers ottimizzati permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali għandha tindirizza s-sigurtà tal-katina tal-provvista. Din għandha tkun ibbażata fuq speċifikazzjonijiet tal-offerta li għandhom ikunu mmexxija mid-domanda, għandha tqis ir-rekwiżiti tal-utenti u l-ispeċifikazzjonijiet ġenerali tas-sistema pprovduti mill-entità tal-hosting magħżula fl-applikazzjoni tagħha għas-sejħa għal espressjoni ta' interess.
4. L-Impriża Konġunta tista' taġixxi bħala l-ewwel utent tas-supercomputers ottimizzati permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali li jintegraw teknoloġiji żviluppati primarjament fl-Unjoni.
5. Jekk ikun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' sigurtà, fil-programm ta' ħidma, il-Bord tat-Tmexxija jista' jiddeċiedi li jpoġġi kundizzjonijiet għall-parteeċipazzjoni tal-fornituri fl-akkwist tas-supercomputers ottimizzati permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali f'konformità mal-Artikolu 12(6) tar-Regolament (UE) 2021/694, jew inkella li jillimita l-parteeċipazzjoni tal-fornituri għal raġunijiet ta' sigurtà jew azzjonijiet relatati direttament mal-awtonomija strateġika tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(4) ta' dak ir-Regolament.

6. Is-supercomputers ottimizzati permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali għandhom ikunu f'entità tal-hosting ta' supercomputer tal-EuroHPC jew ċentru tas-supercomputing li jkun jinsab fl-Unjoni.
7. Mingħajr preġudizzju għall-istralċ tal-Impriża Konġunta, kif imsemmi fl-Artikolu 23(4) tal-Istatuti, mhux qabel ħames snin wara t-test ta' aċċettazzjoni b'suċċess mis-supercomputer ottimizzat permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali installat f'entità tal-hosting, is-sjieda tas-supercomputer ottimizzat permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali tista' tiġi trasferita lil dik l-entità tal-hosting, tinbiegħ lil entità oħra jew tiġi dekommissjonata wara deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija u f'konformità mal-ftehim tal-hosting. Fil-każ ta' trasferiment tas-sjieda ta' supercomputer ottimizzat permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali, l-entità tal-hosting għandha tirrimborża lill-Impriża Konġunta l-valur residwu tas-supercomputer li jiġi trasferit. Jekk ma jsir l-ebda trasferiment tas-sjieda lill-entità tal-hosting iżda tittieħed deċiżjoni għad-dekommissjonar, il-kostijiet rilevanti għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn l-Impriża Konġunta u l-entità tal-hosting. L-Impriża Konġunta ma għandhiex tkun responsabbli għall-kostijiet imġarrba wara t-trasferiment tas-sjieda tas-supercomputer ottimizzat permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali jew wara l-bejgħ jew id-dekommissjonar tiegħu."
- (8) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:
- (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "1. L-Impriża Konġunta tista' tniedi sejħa għal espressjonijiet ta' interess għall-aġġornament tas-supercomputers tal-EuroHPC li jkun proprjetarja jew koproprijetarja tagħhom, *biex iżżid il-livell ta' prestazzjoni tas-supercomputer qrib l-iskala eksa, jew biex iżżid il-kapaċitajiet tal-Intelliġenza Artifiċjali tas-supercomputer, jew biex iżżid il-prestazzjoni operattiva tas-supercomputer b'xi mod ieħor, inkluż bl-aċċelleraturi kwantistiċi.* ';
- (b) il-paragrafu 2 jitħassar;

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-persentaġġ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-kostijiet tal-akkwist tal-aġġornament għandu jkun l-istess bħall-persentaġġ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għas-supercomputer oriġinali tal-EuroHPC, deprezzat għall-bqija tal-ħajja mistennija tas-supercomputer oriġinali. Il-perċentwal tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-kostijiet operattivi addizzjonali tal-aġġornament għandu jkun l-istess bħall-persentaġġ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għas-supercomputer oriġinali tal-EuroHPC. Għas-supercomputers fuq skala peta akkwistati matul iż-żmien tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1488, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-aġġornament għandha tkopri sa 35 % tal-kostijiet operatorji addizzjonali";

(9) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Is-supercomputers ottimizzati permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali u s-supercomputers tal-EuroHPC aġġornati għall-kapaċitajiet tal-Intelliġenza Artifiċjali għandhom jintużaw primarjament għall-iżvilupp, l-ittestjar, l-evalwazzjoni u l-validazzjoni ta' mudelli tat-taħriġ ta' intelliġenza artifiċjali bi skop ġenerali u fuq skala kbira u għal applikazzjonijiet emerġenti tal-Intelliġenza Artifiċjali, kif ukoll għall-iżvilupp ulterjuri ta' soluzzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali fl-Unjoni li jeħtieġu Computing ta' Prestazzjoni Għolja u l-eżekuzzjoni ta' algoritmi tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq skala kbira biex jissolvew problemi tax-xjenza.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddefinixxi kundizzjonijiet speċjali tal-aċċess għas-supercomputers ottimizzati permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali u għas-supercomputers tal-EuroHPC aġġornati għall-kapaċitajiet tal-Intelliġenza Artifiċjali f'konformità mal-Artikolu 17, filwaqt li jqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-ekosistema tan-negozji ġodda fil-qasam tal-Intelliġenza Artifiċjali u tal-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni. Dan għandu jinkludi aċċess iddedikat għan-negozji ġodda u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Għall-aċċess għandhom ikunu eliġibbli biss il-proposti għall-iżvilupp ta' mudelli, sistemi u applikazzjonijiet tal-Intelliġenza Artifiċjali affidabbli u etiċi li jkunu konformi mal-valuri tal-UE."

(10) L-Artikolu 17, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Is-sehem tal-ħin tal-aċċess tal-Unjoni għal kull *supercomputer tal-EuroHPC* ta' livell għoli, kwantistiku u ottimizzat permezz *tal-Intelliġenza Artifiċjali* għandu jkun direttament proporzjonali għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) għall-kost totali tas-sjieda tas-supercomputer tal-EuroHPC u għalhekk ma għandux jaqbeż il-50 % tal-ħin tal-aċċess totali tas-supercomputer tal-EuroHPC."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President